*Danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol;*
*Kap 424; art 1031 tal-Kap. 16*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar, 2022**

**Numru 2**

**Rikors Numru 765/08 TA**

**Raymond Zarb (ID 292965M)**

**vs**

**Industrial Projects Services Limited (C 32346) u b'digriet tal-20 ta' Lulju, 2009, gie kjamat fil-kawza s-Segretarjat ghat-Turizmu fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Permanenti (Information, Tourism and Sustainable Developments) is-Sur Peter Portelli, u/jew tad-Direttur (Tourism) is-Sur Francis Albani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attur ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2008 maħluf minnu stess fl-istess jum li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

> "1. Illi r-rikorrent Raymond Zarb huwa mpjegat mas-socjeta` intimata;
>
> 2. Illi f'incident li sehh nhar l-4 ta' Lulju, tas-sena 2005, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu gewwa Xatt ir-Risq, Vittoriosa, ir-rikorrent sofra disabilita` permanenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

3. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament b'tort, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti opportuni da parti tas-Socjeta` intimata u ghalhekk s-Socjeta` intimata hija unikament reponsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

4. Illi ghalkemm s-Socjeta` intimata giet debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent (**Dokument RZ1** anness), sal-lum baqghet inadempjenti;

**GHALDAQSTANT IR-RIKORRENT JITLOB bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar l-4 ta' Lulju, 2005 fuq il-post tax-xoghol, f'liema incident ir-rikorrent Raymond Zarb sofra disabilita` permanenti;

(2) Periti nominandi;

(3) Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tas-socjeta` intimata minn issa in subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetá Konvenuta Industrial Projects Services Limited (C32346M) preżentata fil-31 ta' Ottubru 2008 u maħlufa fl-istess data minn Joseph Grillo in rappreżentanza tal-istess soċjetá li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok fiz-zmien ta' l-allegat incident, ir-rikorrent kien qed jaghti s-servizzi tieghu lill-Ministeru ghat-Turizmu u l-Kultura (Sezzjoni Oil Pollution Response Module) u ghal dan il-ghan s-socjeta` intimate mhix il-legittimu kontradittur izda ghandu jigi kjamat in kawza l-Ministeru msemmi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegata dizabilita` permanenti li sofra r-rikorrent trid tigi ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti;

3. Illi minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, ma huwiex minnu illi s-socjeta` intimate hija responsabbli ghal xi danni allegatament sofferti mir-

rikorrenti, tant illi ma kinitx is-socjeta` esponenti illi kienet qed tipprovdi l-post tax-xoghol lir-rikorrent fil-mument ta' l-allegat incident;

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent kien fil-mument ta' l-incident munit bl-attrezzaturi kollha necessarji ghall-ahjar protezzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat fil-kawża Segretarju Permanenti (Informazzjoni, Turiżmu u Żvilupp Sostenibbli) u d-Direttur (Turiżmu) ippreżentata fis-27 ta' Lulju 2010 u maħlufa minn Julian Zarb fl-istess jum li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Ġenerali bl-atti, u ghalhekk l-ebda termini ghar-risposta ghadu ma beda jiddekorri, u dan ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrent ghandu jiddikjara x'inhu l-indirizz tieghu tar-residenza.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija preskritta kemm fir-rigward tal-attur kif ukoll fir-rigward tal-konvenut, ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kodici Ċivili.

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll li r-rikors guramentat ma jaghmel ebda referenza ghall-kjamati fil-kawza jew ghal xi nuqqas attribwibbli lilhom u ghalhekk m'hemmx lok li l-esponenti jkunu kjamati fil-kawza.

5. Illi preliminarjament izda minghajr pregudizzju ghal dak li ga inghad, jinghad ukoll li huwa bizzejjed li jkun mghajjat fil-kawza s-Segretarju Permanenti msemmi peress li d-Direttur (Turizmu) hu subaltern tal-istess Segretarju Permanenti.

6. Illi fil-mertu jinghad li r-rikorrent fiz-zmien tal-incident, kien impjegat tal-intimat Industrial Projects Services Limited u qatt ma kien impjegat tal-esponenti.

7. Illi mbaghad rigward l-incident li sehh fl-4 ta' Lulju 2005, l-esponenti ma jwiegbu ghall-ebda danni fil-konfront tar-rikorrent jew tal-konvenut l-iehor, stante li ma kien hemm ebda negligenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti mill-esponenti. Jinghad ukoll li l-esponenti dejjem ipprovdew *a safe system of work* lir-rikorrent u lill-haddiema kollha, kif se

jkun ippruvat. Jinghad ukoll li fil-ligi taghna ma tezisti l-ebda forma ta' 'strict liability' fir-rigward ta' incidenti fuq il-lant tax-xoghol.[1]

8. Illi l-esponenti jsostnu li dan l-incident sehh jew sforz negligenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti mir-rikorrent innifsu jew inkella kien 'casus' sfortunat. Pero` certament li dan l-incident ma sehhx tort tal-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront taghhom bl-ispejjez kontrih".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2016 (fol 261) permezz ta' liema din il-Qorti diverżament presjeduta iddeċidiet li :

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetá intimata u u għalhekk tiddikjara li "*l-istess soċjetá intimata mhiex il-leġittimu kontradittur fil-proċedura odjerna*" u "*illi għaldaqstant, tillibera lis-soċjetá intimata mill-osservanza tal-ġudzzju*" (vide fol 269).

2. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-kjamat in kawża a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u "*Tiddikjara għahekk li l-azzjoni odjerna inoltrata mir-rikorrenti fil-konfront tal-kjamati in kawża hi preskritta*" u "*għaldaqstant, tillibera lill-kjamati in kważa fuq indikata mill-osservanza tal-ġudizzju*" (vide fol 271);

[1] Ara **Francis Buhagiar vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President tar-Repubblika** Qorti tal-Appell 29.5.2009.

Rat is-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2021 in segwitu għar-rikors tal-appell ippreżentat mill-attur fit-13 ta' Ġunju 2016. Permezz tagħha il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat li "*għalkemm fit-talbiet tar-rikors tal-appell l-attur appellant jitlob li jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellati, kif ġustament osservat fin-nota tal-imsejħa fil-kawża,* ***mill-korp tar-rikors tal-appell jirriżulta li, l-attur appellant m'huwiex qiegħed jappella mill-kap tas-sentenza fejn l-azzjoni fil-konfront tagħhom ġiet dikjarata preskritta. Kwindi llum -il ġurnata, dak il-kap tas-sentenza jinsab aċċertat bħala ġudikat u ma hemmx lok li din il-Qorti tinoltra ruħha fil-mertu ta' dik l-eċċezzjoni.*** *Isegwi li din il-Qorti għandha tiddetermina l-appell limitatament fit-termini tal-aggravji mressqa mill-attur appellant.*" (ara para 16 a' fol 12 tas-sentenza);

Rat li f'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell għaddiet biex tiddetermina l-aggravji mressqa mill-attur billi tilqa' l-istess "*u filwaqt li tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetá konvenut IPSL u ddikjarat li hija mhix il-leġittimu kontradittur u ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetá konvenuta. Kwindi tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti, sabiex tiddetermina l-mertu tal-kawża.*"

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Kif ġia senjalat minn din il-Qorti diverżament presjeduta fl-imsemmija sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 l-azzjoni odjerna tirrigwarda riżarċiment ta' danni allegatament subiti mir-rikorrenti meta fl-4 ta' Lulju, 2005, dan żelaq hu u tielgħa fuq id-dgħajsa bl-isem "Monka" u ġie bejn id-dgħajsa u l-magna, (ara foll 78), waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu f'Xatt ir-Risq, il-Birgu;

**2.** Fil-ġurnata tal-inċident ir-rikorrenti, għalkemm kien impjegat mas-soċjeta` intimata Industrial Projects Services Limited, kien ġie assenjat, ("deployed") mall-Ministeru tat-Turiżmu, (ara foll 68), speċifikatament mal-Oil Pollution Response Module, (ara fol 69);

**3.** Il-mansjoni eżerċitata mir-rikorrenti fi ħdan l-istess struttura indikata fil-paragrafu preċedenti kienet li jiġbor l-iskart u żjut li jkun hemm fil-baħar, (ara fol 78);

**4.** L-inċident in diżamina seħħ meta biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu r-rikorrenti qabeż fil-gverta tad-dgħajsa preċedentement indikata, (ara paragrafu numru sbatax, (17.), aktar qabel), u żelaq, (ara foll 78), u spiċċa b'idu mibruma taħtu, (ara foll 78);

**5.** Fil-mument tal-inċident in diżamina jirriżulta li r-rikorrenti kien liebes l-ingwanti, "safety shoes", "overall" u l-"kit" protettiv kollu inkluż il-"helmet" u "visors", (ara foll 78 u 70), li kienu pprovduti lilhu appożitament mis-soċjeta` li magħha kien assenjat, (ara foll 70);

**Punti ta' Liġi**

**6.** It-talba tal-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

**7.** Ġie ritenut li "*Il-principji generali li jirregolaw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u r-responsabbiltajiet ta' min ihaddem huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u anke mfissra f'Ligi specjali.*

*Bhala principju generali l-harsien tas-sahha u s-sigurta` fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku" (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jigi regolat bl-Avviz Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u b l-Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).).*

*Huwa dmir ta' min ihaddem li jipprovdi dik li tissejjah bhala "a safe system of work", b'dan li huwa obbligu tieghu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII tal-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)** (Ara per.es.- "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999) ) li jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem. Ukoll "Huwa dmir ta ' kull min jahdem fuq post tax-xoghol li jhares is-sahha u s-sigurta' tal-*

*haddiema l-ohra fl-istess post, kif ukoll tieghu stess" (**Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994**).*" (**Robert Azzopardi vs Gutenberg Press Limited**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013).

**8.** Kif insenjat fis-sentenza **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals** mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019, "*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*

*B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (App. Ċiv. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet **Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et**);*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li*

*jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424;*

*Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Kumm. JH* ***9.9.1981*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** *(mhix pubblikata). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (P.A.* ***10.10.1980*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Calleja vs Fino*** *(mhix pubblikata);*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (P.A. RCP* ***30.10.2008*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Richard Farruġia vs Elbros***

***Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**);"*

**9.** Irid ukoll jingħad li l-posizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-posizzjoni taħt il-ligi tagħna hija bħal dik prevalent taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb **"Occupational Health & Safety Law" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28 )** intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract." Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono vs Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu. Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "Passando a' considerare l'altra previsione dell'obblio di sicurezza a' carico del datore di lavoro anhe qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorioprocessuale per l'infortunato" (**Giovanna Visitini, Trattato Brve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg**

**99**). Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtiega biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Il-Qorti tal-Appell rrimettiet lura l-atti quddiem din il-Qorti "*sabiex tiddetermina l-mertu tal-kawża*" fil-konfront tas-soċjetá Konvenuta Industrial Projects Services Limited. Din is-Sentenza tagħmilha ċara li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni intlaqat fil-konfront tal-kjamati in kawża biss. Għalhekk l-azzjoni baqgħet mhux mittiefsa fil-konfront tas-Soċjeta' konvenuta Industrial Parks Ltd.

**11.** Ġie konfermat miċ-*Chairmen* Eżekuttivi tas-soċjetá s-Sinjuri Joe Grillo (a' fol 67) u Lawrence Mizzi (a' fol 178) li fil-jum li fih seħħ il-korriment, l-Attur kien ħaddiem tas-soċjetá msemmija. Huwa fil-fatt kien jipperċepixxi l-paga mill-istess soċjetá, "*jiġifieri l-IPSL jibqa' jkollha d-dritt fuq dak il-ħaddiem u anke titfgħu f'postijiet differenti u tagħtih trasferimenti skond il-ħtieġa tas-servizz*" (fol 68). Li s-soċjetá konvenuta kienet tħaddem lill-Attur jirriżulta wkoll mid-dokument maħruġ mill-ETC a' fol 65.

**12.** Isegwi li d-dover li jiżgura li l-ambjent tax-xogħol tal-Attur meta seħħ l-inċident kien wieħed sikur u ħieles minn kull perikolu kien jaqa' fuq is-

soċjetá Konvenuta. Kienet hi li assenjat lill-Attur sabiex jaħdem fil-post fejn seħħ l-inċident (ara xhieda Joe Grillo a' fol 68).

**13.** Dawn il-Qrati jgħallmu li "*Min ihaddem ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu s-sit fejn ikun se jibghat il-haddiema tieghu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konducenti ghal perikli ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem ghandu jirrifjuta jesegwixxi x-xoghol u jesponi l-haddiema tieghu ghal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Montanaro Gauci", deciza fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'".*" (**Mayor Scicluna v. TN Waterproofing Ltd**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 20 ta' April 2007; ara wkoll **Katerinu Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern et**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 15 ta' Marzu 2017; **Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited**, Qorti Ċivili Prim' Awla 26 ta' Mejju 2016).

**14.** B'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet legali esposti supra, l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jitfa' fuq is-soċjetá intimata, qua l-*employer*, il-piż li tipprova li l-inċident seħħ minkejja li tkun ħarset dak kollu li l-liġi tistenna minnha

f'dan ir-rigward. Huwa veru li, a tenur tal-artikolu 7 tal-istess Kap, dan il-grad għoli ta' responsabbilitá fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem, ossia l-Attur, mill-obbligi tiegħu espressi fir-regola 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-saħħa u s-Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol). Dawn l-obbligi iżda "***ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltá ta' min iħaddem***" (proviso artikolu 6 tal-Kap. 424).

**15.** Is-Soċjetá Konvenuta naqset għal kollox milli tipprova li hi żammet mar-responsabbilitá tagħha f'li tħares dak kollu li l-liġi tistenna minnha biex tevita milli jseħħ dan is-sinistru. Hija baqħet għal kollox siekta fuq in-nuqqas imputat lilha mill-Attur u ma produċiet l-ebda evidenza li b'xi mod turi li hija mxiet ma l-obbligi hemm imposti.

**16.** Ir-regolament 4(1) tal-L.S.424.03 (Regolamenti dwar is-Sigurtá fil-Baċiri) jipprovdi li "*Kull mogħdija regolari fuq baċir, xatt jew moll li l-persuni impjegati għandhom jgħaddu minnha biex imorru jew jiġu lura minn fuq post tax-xogħol fejn ikunu qegħdin jaħdmu u kull post tax-xogħol tali fuq l-art għandu jinżamm b'mod xieraq għas-sigurtà tal-persuni impjegati.*"

**17.** Ir-regolament 21 tal-L.S. 424.15 (Regolamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol) speċifikament jipprovdi wkoll is-segwenti:

"*(1) Min iħaddem għandu jiżgura li l-istazzjonijiet kollha fejn isir ix-xogħol ikunu rranġati b'tali modi li x-xogħol jista' jsir mingħajr periklu u bil-kumdità.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1),* ***kull stazzjon fejn isir ix-xogħol għandu jkun irranġat b'tali mod li: ... (ċ) jiżgura li ma jkunx hemm probabbiltà li persuna tiżloq jew taqa'****.*"

**18.** Mill-provi jirriżulta li skont rapport rilaxxjat li l-Attur *"slipped while boarding the mentioned vessel and the incurred injury was raised by bad fall on the back."* Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal dak li osservat il-Qorti tal-Appell f'dan il-każ f'paragrafu 24 tas-Sentenza, u għalhekk tagħmel din l-osservazzjoni tagħha. Li hu sinjifikanti huwa partikolarment id-dikjarazzjoni ta' Anthony Mallia, konsulent tal-Oil Pollution Response Module, li ma kienx f'posizzjoni jgħid jekk kienx biżżejjed li kienu jipprovdu s-*safety shoes* (a' fol 70).

**19.** Jemerġi ukoll mill-fatti li l-ambjent li kien jaħdem fih l-Attur u n-natura tax-xogħol fih innifsu jippresenta grad ogħli ta' riskji minn xogħolijiet oħra ta' ġbir ta' skart, tenut kont li f'dan il-każ jinġabar żejt minn wiċċ il-baħar, materjal li fih innifsu huwa viskjuż u kontributur għaż-żlieq aktar minn normal. Di fatti kemm l-Attur u anke x-xhud Mario Calleja jiddiskrivi li l-operazzjoni li riedu jwettqu kienet fost oħrajn li riedu jiġbru żejt permezz ta' *booms* li prattikament huma *rolls* kbar li wara li jinferxu fl-ilma, irekknu ż-żejt ġo fihom biex b'hekk ikunu naddfu wiċċ l-ilma minn dan iż-żejt, biex wara jintrema' (Ara minn a' fol 78 sa 81). Huwa manifestament ċar ir-riskji li ġġib magħha din l-attivita'. Anke x-xhud Anthony Mallia jiddeskrivi li l-lanku li ried jgħaddi minn fuqhom l-Attur setgħu isiru jiżolqu minħabba debri

li jiżloq. Anzi jgħid li jaqa' materjal li "*jkunu xi ftit slippery*". Għall-mistoqsija jekk jiġux provduti *non slip mats* biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jgħaddu minn fuqhom wieġeb biss li kellhom *safety shoes* (a' fol 70). Kien hawn fejn iddikjara li ma kienx jaf jekk dawn kienux ta' ħarsien biżżejjed.

**20.** Minn dan kollu jirrisulta ċar, li s-Soċjeta' Konvenuta, kellha obbligu kemm skont is-Sentenza ċitata u kif ukoll skont il-liġi, li qabel ma tassenja lill-ħaddiema tagħha lill-terzi, taċċerta li tkun *in place* fil-post fejn ser ikunu jaħdmu. Il-Qorti tal-Appell, fis-Sentenza suċitata, diġa' aċċennat għal dan. Is-Soċjeta' konvenuta IPSL ma tistax tinħeba wara l-fatt li s-servizz li kien qiegħed jirrendi l-Attur kien lil terzi. Mhux biss għax dejjem baqa' impjegat magħha, iżda għaliex wara kollox abbażi tal-presunzjoni omnia labor optat premium, is-Soċjeta' konvenuta kienet qed tirċievi xi xorta ta' ħlas. Iżda kieku ma kienx hemm ħlas, ir-responsabbilita' għas-saħħa tal-ħaddiema tagħha dejjem taqa' fuq spallejha b'kull dritt ta' rikors li jista' jkollha kontra it-terz dejjem jekk ikun il-każ. Di piu' aktar ma jkun ogħli r-riskju li jirrapresenta x-xogħol, bħal ma huwa l-każ odjern minħabba tifrix ta' żejt, ogħla l-attenzjoni li trid tingħata fid-dawl tad-diliġenta ta' missier tajjeb tal-familja u cioe' bonus pater familias. Fis-**Sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet Raymond Sammut -vs- Anthony Micallef**, **Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Geoffrey Valenzia**, il-Qorti qalet li "*aktar ma tkun kbira l-potenzjalita` tal-perikolu tal-oggett uzat, akbar ghandha tkun id-diligenza u l-prudenza ta' min juza l-istess oggett, l-utent ta' arma tan-nar ghandu juza l-akbar grad ta' diligenza. Diversament, is-sikurezza u l-inkolumita` ta'*

*terzi tigi serjament pregudikata*." Għalkemm fil-kawża ċitata kienet tirrigwarda arma tan-nar, din il-Qorti ma tarax għaliex l-istess prinċipju ma għandux ikun applikat fil-każ ta' xogħol li de visu u intrinsikament jippresenta aktar perikoli minn xogħol ieħor, bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**21.** In tema ta' responsabbilta' din il-Qorti tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjoni. Ix-xhud David Saliba għad-Dipartiment OHSA iddikjara li ma kien sar ebda rapport dwar l-inċident (a' fol 81). Il-Qorti tfakkar f'dak li jiddisponi regolament 22 tal-AL 423. 09, li jipprovdi għall-obbligu ta' min jimpjega dwar rapporti li jrid jagħmel ta' inċidenti li jseħħu fuq il-post tax-xogħol lill-Awtorita' kompetenti dwar il-ħarsien ta' min jaħdem fuq ix-xogħol. Għalkemm f'din il-Kawża rriżulta li ma kienx hemm ksur fl-għadam, dejjem tenut li dislokazzjoni tal-għadam ma tammontax għalhekk, il-Qorti tħoss, li xorta kellu jsir dan ir-rapport. Meta jkunu għadhom ma sarux il-kostatazzjonijiet mediċi immedjati u għalhekk ma jkunx magħruf ix-xorta ta' ġrieħi sofferti u jkun hemm dubbju dwar jekk in-natura ta' ġrieħi humiex tax-xorta imsemmija fil-liġi, ir-rapport mitlub mill-liġi għandu jsir dejjem.

**22.** Kif ġia ingħad ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod turi li dawn ir-regoli ġew imħarsa mis-soċjetá Konvenuta u lanqas ma rriżultat xi ċirkostanza li l-Attur ikkontribwixxa għall-inċident. Anzi jirriżulta li kien liebes l-ilbies protettiv li kien mogħti. Dan ifisser li l-Qorti tqies li s-soċjetá Konvenuta naqset milli tipprovdi '*a safe system of work*' bil-mod kif spjegat hawn fuq.

**23.** Din il-Qorti sejra konsewentement tgħaddi biex tikkonsidra x-xorta tad-danni li qed jiġu reklamati mill-Attur.

**Likwidazzjoni danni**

**24.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**25.** Speċifikatament, *damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li Lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*" Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l- inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma*

*riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (**Paul Debono vs Malta Drydocks**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>Telf ta' Qliegħ Futur (lucrum cessans)</u>

**26.** Jirriżulta li konsegwenza ta' l-inċident, l-Attur kellu jibdel in-natura tax-xogħol tiegħu għal wieħed li jirrendilu inqas fejn jidħol *allowances* u *overtime* (ara affidavit Attur a' fol 79). Huwa għalhekk sofra telf ta' paga jew qligħ għal quddiem.

**27.** Il-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata **Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li l-kumpens għal dan it-telf ta' qliegħ "*irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

*Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv"*

*(P.A. PS* ***30.1.2008*** *fil-kawża fl-isimijiet* ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** *(mhix appellata));*

*Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn ( P.A. PS* ***3.10.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** *(mhix appellata);*

*Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very*

*nature, uncertain" (Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64)*

*Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;*

*Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (App. Ċiv.* ***30.11.1964*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Cachia vs Conti et** *(Kollez. Vol:* ***XLVIII.i.500****) . Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (App. Ċiv.* ***7.7.1998*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Gatt vs Carbone noe** *(Kollez, Vol:* ***LXXXII.ii.242****));*

*Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (70 P.A. JSP* ***31.1.1995*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna** *(mhux appellata)). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;*

*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal;*

**28.** Applikat dan l-insenjament għal każ in diżamina, din il-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni tat-telf ta' qliegħ futur tal-Attur.

*Salarju*

**29.** Ai fini ta' kalkolu lucrum cessans, il-Qorti tqis li s-salarju għandu jinħadem fuq l-aħħar dħul tal-Attur sena qabel l-inċident, jiġifieri s-sena 2004.

**30.** Skont l-FS3 relattiva għas-sena 2004 (ara fol 61), is-salarju tal-Attur kien dak ta' LM5489.220 gross għal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2004 u l-31 ta' Diċembru 2004. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' LM452 bħala taxxa, u LM978.64 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali. Għaldaqstant l-ammont nett huwa dak ta' LM 4,058.58 ekwivalenti għal €9,453.95.

**31.** Il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll iż-żieda potenzjali fid-dħul tal-Attur. Dan fid-dawl ta' dak ribadit min dawn il-Qrati (ara **Apap vs**

**Degiorgio**, **Qorti tal-Appell, 16 ta' Jannar 1984; Sultana vs Malta Drydocks Corporation, Qorti Kummerċjali, 28 ta' Mejju 1979; Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2012**). Għalhekk, abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva, il-Qorti ser tkun qed tiffissa din iż-żieda potenzjali fl-ammont ta' €4,500.

*Perċentwali ta' diżabbilitá*

**32.** L-Attur ippreżenta ċertifikat mediku ex parte redatt mil-konsulent Ray Gatt (Dok RZ 20 a' fol 57). Hemm it-tabib Gatt ikkonkluda li b'riżultat tal-inċident in kwistjoni l-attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 10%.

**33.** Madanakollu l-espert mediku mqabbad mill-Qorti ikkonkluda li l-perċentwal ta' diżabbilitá sofferta mill-attur konsegwenza tal-inċident hija fil-fatt ta' 5% (ara rapport a' fol 150). Din il-Qorti ma tarax li għandha tiddiskosta ruħha mill-konklużjoni raġġunta mill-espert tal-Qorti li wara kollox tikkonferma dik raġġunta mill-esperti addizzjonali, wkoll maħtura mill-Qorti fuq talba tal-Attur stess (ara rapport periti addizzjonali a' fol 169). Isegwi għalhekk li r-rata ta' diżabbilitá għandha tkun dik ta' 5%.

*Aspettativa tal-ħajja lavorattiva*

**34.** L-Attur twieled fil-15 ta' Ġunju 1965 (ara applikazzoni benefiċċju korriment a' fol 15). Meta seħħ il-korriment, l-Attur kellhu għalhekk kważi 40 sena (ara ċertifikat mediku a' fol 4). Il-Qorti sejra tikkalkula l-multiplier fuq il-ħajja lavorattiva rimanenti tal-Attur, cioe' dak ta' ħamsa u għoxrin (25)

sena, jigifieri ż-żmien li jrid jgħaddi biex l-Attur jilħaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' ħamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318).

*Lump sum payment u lucrum cessans*

**35.** Skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Imma din il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-inċident seħħ fl-2005 u s-Sentenza ser tingħata iktar minn sittax -il sena wara. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-lump sum payment.

**36.** Dawn il-Qrati għallmu li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**]. Fil-kawża tal-Prim Awla **Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" (ara **Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fil-kawża tal-**Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16/3/99 u Caruana vs Camilleri App Ċiv Sup 27/2/04**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża **Galea vs Piscopo PA 3/10/03**, 5% f'**Scicluna vs Meilaq PA 16/7/01** u 0% fil-kawżi **Turner vs**

**Agius App Civ Sup 28/11/03, Bonnici vs Gauci PA 15/9/99** meta għaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra PA 20/01/05** meta għaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana Kum 20/4/90** meta għaddew 19-il sena).

**37.** Il-Qorti tqis li l-każ in eżami ħa jkun ħa 13-il sena minn mindu ġie istitwit sakemm ġie determinat b'din is-sentenza. Dan minħabba ċirkostanzi li ma kienx jaħti għalihom id-danneġġjant. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li m'għandu jsir ebda tnaqqis tal-lump sum payment.

**38.** Għaldaqstant abbażi tal-prinċipji fuq imsemmija, u fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali, din il-Qorti qegħdha tiffissa u tillikwida in linea ta' lucrum cessans l-ammont ta' **€11,817.44** konsistenti f'salarju ta' €9453.95 multiplikat b'25 -il darba li jammonta għal €236,348.75. 5% ta' dan l-ammont huwa €11,817.44. Iżżid magħhom **€4,500** rappreżentanti potenzjal ta' dħul li jiġu għal **€16,317.44**.

<u>*Danni attwali*</u>

**39.** L-Attur ma hu qed jirreklama ebda danni attwali mġarrba minnu (ara nota a' fol 210). Dan possibilment minħabba li tali danni ġew ġia koperti bil-benefiċċju għal korriment li huwa pperċepixxa għal dak iż-żmien li huwa kien nieqes mix-xogħol (ara applikazzjoni għall-benefiċċju a' fol 15). Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma hiex sejra tikkunsidra danni attwali fil-konfront tal-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetá konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar l-4 ta' Lulju 2005 fuq il-post tax-xogħol, f'liema inċident ir-rikorrent Raymond Zarb sofra disabilitá permanenti;

**Tilqa' t-tieni talba** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur b'konsegwenza ta' l-imsemmi inċident fl-ammont ta' sittax-il elf, tlett mija u sbatax il-Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€16,317.44);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lill-Attur is-somma msemmija ta' sittax-il elf, tlett mija u sbatax il-Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€16,317.44) bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mis-soċjetá Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**